MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRETA MIFSUD**

Seduta tat-8 ta' Frar, 2010

Talba Numru. 662/2009

**Merlin International Ltd**
**(C – 4432)**

**vs**

**Marvic Al Maraash**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet lill-konvenuta l-hlas tas-somma ta' sitt mija u zewg Euro u tnax-il centezmi (€602.12), rapprezentanti bilanc dovuta lill-attrici ghal servizz ta' kiri ta' karozzi, liema ammont baqa' ma thallasx nonostante diversi interpellazzjonijiet.

Bl-ispejjez, inkluz tal-mandat ta' sekwestru pprezentat kontestwalment, u l-imghax legali mill-25 ta' Ottubru, 2007 sad-data tal-pagament effettiv.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.
Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lil konvenuta thallas is-somma ta' sitt mija u zewg Euro u tnax-il centezmi (€602.12), bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez huma a karigu tal-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------